XGĦAJRA

Minuti tal laqgħa Nru.15 (Ħmistax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 12 t'Ottubru, 2010 fil-5,30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieg |
| | Mario Buhagiar |
| | Claire Depasquale |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 A rigward il-Byelaw, Il-Kunsilliera Ms Claire Depasquale għamlet kuntatt mas-Sur Cleavon Vella u Dr . Angele Vella pero' rrizulta li għad m'hemmx risposta. Ms Depasquale rrispondiet l-ittra tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kienu talbu r-raġuni jew raġunijiet li għalihom il-Kunsill qed jagħmel dawn iż-żewġ Byelaws.

3.2 Wara li l-Kunsill permezz tal-Periti kkonforma ruħu mat-talbiet tal-MEPA a rigward l-iskavar tas- sit tal-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi fejn kien mitlub x'ser isir mill-materjal skavat kif ukoll traffic management minn fejn ser jgħaddu t-trukkijiet billi

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

dan il-materjal ta' l-iskavar kellu jkun ipproċessat u wżat fil-kumpless Smart City, issa hemm l-approvazzjoni tal-MEPA u għalhekk jekk it-temp jippermetti, jitkompla x-xogħol.

3.3 Wara laqgħa mas-Segretarju Permanenti, s-Sur John Gatt u Isabelle Bonello ġie deċiż li huma jiktbu lill- Works biex jgħidu jekk fadalx jew le xi bilanċ mix-xogħol li sar tas-slipways u dan billi ma ntużax il-materjal u kwantita' kif kienu proposti skond il-Workplan sottomess mill-istess Dipartiment tax-Xogħolijiet.

. .

3.4 Il-Kont Bankarju mal-BOV Zabbar infetah sabiex jitpoġġew il-flus mogħtija apposta biex jsiru l-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi. Din il-proċedura mal-Bank ser tiswa €1339 bħala spejjeż bankarji.

3.5 Ser jitkompla l-follow up, ix-xogħol li kien imwiegħed li se jsir fuq il-Batterija Delle Grazzje.

3.6 A rigward il-laqgħat dwar il-proġett tal-Gvern Ċentrali biex jiġi kontenut l-ilma ta' l-għarar li jgħaddi minn Ħaż-Żabbar għat-triq ta' Wied il-Għajn il-qadima jidher li kemm iċ-Chairman tal-MEPA kif ukoll Chris Ciantar,is-Segretarju Permanenti u s-Sur Martin Seychell tal-Mepa qieghdin jikkomunikaw sabiex tinstab alternattiva.

3.7 It-tneħħija tal-Bins on Wheels (skips) mill-village core ġiet posposta billi kien qed isir eżerċizzju mill-Wastserv u dan permezz ta' l-Inspectors tagħhom jiġi stabbilit Il-kwantita' u l-kwalita' ta' skart li qed jingabar mill-lokalita' tax-Xgħajra. Qed isir tentattiv biex l-iskips jitneħħew mill-1 ta' Novembru li ġej.

3.8 Is-Sindku spjega li kien irrisponda l-Management Lettter fejn ikkjarifika ċertu punti mqajjma mill-Awditur. Dawn kienu kemm punti tekniċi kif ukoll proċeduri li l-Kunsill ħa nota tagħhom, pero' ma kienx hemm punti ta' "material weaknesses".

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:- Fost il-korrispondenza dawk li kienu ta'mportanza kienu:

4.1 Ittra mill-Enemalta biex il-Kunsill iħallas €48 biex jinqala' arblu tad-dawl li ġie abbuzivament imwaħħal fis-sit tal-Faċilitajiet Sportivi u Reikreattivi.

4.2 A rigward il-Bus Shelter , Kevin Borg ta' l-ADT aċċerta li se jitkompla filwaqt li l-Bus shelter antik jinsab għand l-istess ADT.

4.3 Il-BOV aċċetta t-talba tal-Kunsill biex ikun hemm internet banking facilities u dan biex il-Kunsill ikun jista' jottjeni nformazzjoni **BISS**. Dan l-użu jkun f'idejn is-Sindku u s-Segretarju biss skond il-liġi tal-Kunsilli.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda – Ratifikati u approvati l-infieq għax-xahar ta' Settembru 2010.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet:

6.1 Il-Festa ta' San Martin li fiha t-tfal tal-lokalita' bejn l-eta' ta' 3 u 11 il-sena jingħataw borża zgħira bħala tradizzjoni u jagħmlu xi proġett żgħir bħal tpinġija eċċ. b'tema mat-tradizzjoni tal-borża ta' San Martin.

6.2 Ġie approvat li jintbgħatu l-awguri ta' l-istaġun tal-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena lill kull resident permezz ta' kartolina mixtrija mingħand għaqdiet filantropiċi.

6.3 Fil-ġranet tal-Festi ta' l-aħħar tas-sena u b'tradizzjoni kulturali ta' L-Istrina jingħata tifkira żgħira lil ftit anżjani fil-lokalita' u dan bħala rikonoxximent tal-ħidma fil-lokalita'.

6.4 Fil-ġranet tal-Milied issir Bibita ta' kull sena bħala ringrazzjament u rikonoxximent. Ms.M.Claire Depasquale ssuġġeriet li din l-okkazjoni taż-żmien il-festi tal-Milied tkun miftuħa għar-residenti kollha. Ġie kjarifikat lill-Kunsilliera Ms Depasquale li hemm okkazjoni oħra fejn ir-residenti tax-Xgħajra jistgħu jattendu u dan f'Jum ix-Xgħajra li jsir f'Mejju u li issa hi abbinata ma' Lapsi.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Internet Banking - In segwitu ta' diversi kontijiet li l-Kunsill għandu mal-BOV – Fergħa Żabbar, il-Kunsill japprova li jkollu s-servizz offrut mill-BOV ta' Internet Banking informattiv BISS mingħajr dritt ta' transazzjonijiet b'dan is-servizz.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGHAJRA

L-aċċess għal l-informazzjoni jkun a karigu tas-Sindku, s-Sur Anthony Valvo u tas-Segretarju Eżekuttiv, Carmelo Camilleri u dan skond il-liġi u r-responsabilitajiet li għandhom fit-tmexxija tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss ser issir it-Tlieta, 2 ta' Novembru, 2010 fil-5.30 pm.

______________________________ ______________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt